# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joseph Arrigo u Mary Arrigo**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Joseph Arrigo ID 149580M u Mary Arrigo ID 498049M** li permezz tagħhom huwa ġew akkużati talli fis-17 ta' Mejju 2013 u fix-xhur ta' bejn Jannar u Mejju 2013 ġewwa Wied Baqqiegħa limiti ta' Ħaż-Żebbuġ naqsu milli jobdu l-ordnijiet mogħtija lilhom mill-Pulizija sabiex ineħħu l-periklu jew isewwu l-ħsara f'post li huwa proprjeta tagħhom jew amministrat minnhom ossija barumbara tal-ħamiem.

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-Partijiet

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi r-reat ipotizzat f'dan il-każ idur dwar in-nuqqas ta' obbedjenza lejn l-ordnijiet mogħtija mill-Pulizija lil persuni li jkunu sidien jew amministraturi ta' proprjeta u dan sabiex isewwu jew ineħħu ħsara. F'dan il-każ ġie pruvat soddisfaċentement li l-proprjeta de quo kienet delapidata u li kellha wkoll ħsara kif ukoll li kien hemm bżonn li din tissewwa.

Mill-banda l-oħra ma ġiex pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputati huma s-sidien ta' din il-proprjeta jew li din il-proprjeta hija amministrata minnhom. Agħar minn hekk, ma ġiex pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li kienet ingħatat l-ordni da' parti tal-Pulizija lill-imputati jew min minnhom sabiex ineħħu dan l-imsemmi periklu.

Il-Qorti rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs John Vella*** datata 25 ta' Ġunju 2001 minn fejn jirriżultaw ċar

l-elementi ta' dan ir-reat u x'jeħtieġ jiġi pruvat mill-Prosekuzzjoni sabiex ir-reat jitqies integrat.  F'dan il-każ il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq dan il-livell ta' provi rikjest fil-kamp penali.

# DECIDE : -

Li qegħda tiddikjara li ma ssibx lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberahom minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija illum l-23 ta' Jannar 2014 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***